**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 55**

**Data:** 5 ta' Ottubru, 2016

**Hin:** 02.04pm

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

## AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-54 laqgha.

2. Attivitajiet.

3. Cirkulari Nru. 16/2016 – Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.

4. Cirkularijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5. Korrispondenza u materji ohra.

6. Aggornament.

Kunsill Lokali - l-Gharb – Local Council
Triq il-Vizitazzjoni,
l-Gharb GRB 1044, Ghawdex
Tel: 21560556 Fax: 21562727

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-54 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Attivitajiet**

2.1 Gew diskussi l-attivitajiet ghax-xhur li gejjin li jinkludu:

Harga ghal Malta li kellha ssir f'Settembru pero' minhabba li ma kienx hemm bizzejjed zmien ma' setghetx tigi organizzata. Is-Sindku issugerixxa sabiex din il-harga issir ghal Malta fit-13 ta' Novembru fejn l-anzjani jkunu jistghu jattendu ghall-fiera ta' San Martin. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

2.2 Attivita' f'Jum id-Dinju ghat-tfal li ser jahbat nhar il-Hadd 20 ta' Novembru, 2016. Emanuel Muscat staqsa dwar il-festival tar-Rih fejn is-Sindku informa lill-Kunsill li dan gie ikkancellat minhabba li l-permessi ma kienux inhargu. Ghaldaqstant din l-attivita' kellha tigi posposta.
Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jipproponu attivitajiet li jistghu jigu organizzati ghat-tfal f'din l-okkazjoni. Is-Sindku issugerixxa dawra bit-*train* jew attivita' *hands on* gewwa l-villagg tas-Snajja ta' Dbiegi. Peress li d-data ta' l-20 ta' Novembru ser tahbat il-Hadd, il-Kunsill qabel li din ghandha tigi organizzata gurnata qabel jigifieri fid-19 ta' Novembru, 2016. Il-Kunsill qabel li l-attivita' ghandha tigi organizzata gewwa l-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi u ghandhom jigu avvicinati l-hwienet sabiex isiru attivitajiet ta' *hands on* kif ukoll jigu inkluzi *bouncing castle* u *face painting.*

2.3 Attivita' tal-Halloween ghall-ahhar ta' Ottubru. Saret diskussjoni fit-tul dwar dan is-suggett fejn fost ohrajn dwar il-mod kif tista' tigi organizzata u ghal-liema eta'. Is-Sindku isugerixxa li ssir tinda fil-pjazza u ssir attivita' hemmhekk. Gie innotat ukoll li din trid tkun attivita' zghira ghar-residenti u mhux miftuha ghal persuni minn lokalitajiet ohra.
Emanuel Muscat qal li l-ideja trid tkun li l-Kunsill jorganizza attivita' u l-bqija jkun f'idejn ir-residenti ghax inkella tigi tiswa hafna flus. Hu sostna ukoll li huwa importanti l-pubblicita'.
Emanuel Muscat issugerixxa ukoll li tigi inkluza fl-attivita' tal-Jum dinji tat-tfal u tkun attivita' wahda.
Shirley Anne Cecchini ssugeriet attivita' gewwa l-Pjazza tar-rahal bl-loghob li jkunu miftuhin kemm ghall-kbar kif ukoll ghaz-zghar.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku ssugerixxa sabiex jiddiskuti mall-Kap ta' l-iskola u tigi organizzata attivita' waqt il-hin ta' l-iskola. Il-Kunsill qabel fuq dan is-suggeriment dwar din l-attivita'.

## 3.0 Cirkulari Nru. 16/2016 – Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv

3.1 Gie spjegat li kif diga gie diskuss fil-laqgha precedenti, l-Kunsill huwa obbligat li jpoggi lil xi hadd fil-posizzjoni ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv din il-persuna tkun qeghda tkopri din il-posizzjoni. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv issuggerew lis-Sinjura Marion Attard li qeghda fil-pool tas-Segretarji prospettivi u li fil-passat meta kienet impjegata ma' Malcolm Meilak kienet taghmel xoghol fuq l-accounts tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment li s-Sinjura Marion Attard tkun mahtura Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## 4.0 Cirkularijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

4.1 Is-Sindku qal li minn zmien ghal zmien il-Kunsill jircievi diversi cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn dawn jintbghatu lill-Kunsilliera permezz ta' l-email. Hu zied jghid li mil-lum il-quddiem dawn ser jibdew jitnizzlu fuq l-Agenda tal-Kunsill sabiex jekk ikun hemm xi hadd li jrid jsemmi xi haga dwar cirkulari li jkun qara din tkun isservi bhala reminder.

4.2 Giet trattata Cirkulari Numru 27/2016 – Skema ta' Finanzjament – Progetti Kapitali – Iffirmar ta' kuntratti.

## 5.0 Korrispondenza u materji ohra

5.1 Minghand is-Sinjura Marita Portelli fir-rigward ta' l-art Ta' Lamuta fi Triq il-Vizitazzjoni fejn qeghda titlob l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex it-triq minn triq Tumas Cassar ghal parti 'il gdida ta' Triq Tumas Cassar tinfetah skond il-ftehim li hemm iffirmat mad-Dipartiment ta' l-artijiet. Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza fejn qabel li ghandu jikteb ittra lid-Dipartiment ta' l-artijiet f'dan ir-rigward.

5.2 Minghand l-Arkivju Nazzjonali ta' Ghawdex b'invit ghall-ftuh tal-wirja 'Nicec Storici ta' Ghawdex' li ser issir nhar il-Erbgha 12 ta' Ottubru, 2016 fid-9.30am.

5.3 Minghand il-limestone heritage b'attrazzjonijiet li huma qeghdin joffru.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

5.4 Minghand it-Transport Malta fir-rigward ta' talba li waslet minghand is-Sur Charles Axiaq sabiex Triq Frangisk Portelli issir one-way, jigifieri l-vetturi li jkunu hergin minn San Lawrenz iduru minn Triq Tumas Cassar, Triq Karmni Grima u johorgu minn Triq il-Knisja. Saret diskussjoni dwar din il-korrispondenza fejn gie innotat li din tista' tohloq problema meta l-vetturi jigu biex jghaddu mill-parti d-dejqa ta' Triq il-Knisja. Anthony Camilleri ssugerixxa li jekk hemm problema ta' pparkjar ghall-coaches dawn jithallew jipparkjaw fejn il-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi. Is-Sindku qal li dan mhux possibli peress li l-parkegg ta' quddiem ta' Ta' Dbiegi huwa privat tal-MIP. Emanuel Muscat innota li jekk issir *one way* ikun hawn problema ukoll ta' manutenzjoni tat-toroq affetwati. Is-Sindku qal li dak kollu li jsir m'ghandux johloq inkonvenjent lir-residenti taz-zona b'mod specjali u lanqas lill-pubbliku ingenerali peress li fejn hemm il-problema hija triq arterja. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li ghandu jitlob ghal-laqgha mat-Transport Malta u mas-Sur Charles Axiaq.

5.5 Minghand is-Sezzjoni ghall-Anzjani u Bzonnijiet Specjali fir-rigward ta' Kors ta' l-Universita' tat-tielet eta' f'Ghawdex 2016-2017.

5.6 Minghand is-Sur Jacob Muscat fir-rigward ta' ilment quddiem ir-residenza tieghu f'numru 44, Triq Trux fejn qed jilmenta' li qed ikun hemm hafna ilma meta taghmel ix-xita u din il-problema giet ikkawzata kemm ilu li sar r-*resurfacing* tat-triq. Gie innotat li ghaddew numru ta' snin minn mindu saru x-xogholijiet fit-triq u qatt ma kien hemm ilment minghand dan ir-resident. Min-naha l-ohra l-Kunsill qabel li ghandu jghaddi dan l-ilment lil Perit tal-Kunsill sabiex jiccekja min-naha tieghu u jinforma lill-Kunsill.

5.7 Giet trattata korrispondenza minghand il-MEPA:
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp numru PA5633/16, PA5658/16 u PA5801/16.

Approvazzjoni ta' applikazzjonijiet numru PA2506/16, PA2694/16, PA3045/16, PA2501/16, PA3047/16 u PA3483/16.

5.8 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward tad-devoluzzjoni tas-sit fejn il-ground tal-football fejn id-Dipartiment ressaq it-talba ghall-approvazzjoni lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

5.9 Minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' l-Applikazzjoni tal-Kunsill ghall-Impjieg ta' Persuni b'Dizabilita' fejn il-Kunsill gie infurmat li din giet milqugha u l-Kunsill jista' jimpjega persuna wahda fuq bazi part-time taht din l-iskema. Intbghatet lista ta' persuni li qeghdin fuq din il-lista u tnejn minnhom huma mill-Gharb. Gie innotat li dawn huma persuni registrati bhala persuni b'dizabilita' u ghalhekk wiehed irid izomm f'mohhu li dawn huma limitati f'xogholhom. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-*interviews*. Bhala membri tal-board il-Kunsill qabel fuq Shirley-Anne Cecchini bhala Kunsilliera, Max Xuereb u xi persuna ohra min-naha ta' l-ETC, Gvern jew ahjar min-naha tal-persuni b'dizabilita'. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li l-persuna impjegata trid tkun persuna li trid ikollha interess li tahdem.

5.10 Minghand id-Dipartiment tal-Curriculum u l-Kunsill Lokali Rabat – Ghawdex fir-rigward ta' program ta' tahrig ghat-tfal wara l-hin ta' l-iskola.

5.11 Minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward ta' l-Appell numru 213/16 li huwa relatat mall-permess ghall-kostruzzjoni ta' kamra tan-nar bin-numru PA5058/09. Is-Sindku qal li sfortunatament mhux ser ikun jista' jattendi minhabba impenji ohra li ma jistax jonqos minnhom. Huwa staqsa lil Emanuel Muscat jekk jistax jattendi minfloku. Emanuel Muscat qal li ser jara jkunx jista' u fil-kaz jinforma lis-Sindku. Sadanittant gie maqbul li tintbghat email lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn tindika li minhabba assenza tas-Sindku mhux ser ikun jista' jattendi u nitolbu sabiex il-Kunsill jinzamm aggornat.

5.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li waslet korrispondenza minghand il-kumpanija GO plc fejn il-Kunsill gie infurmat li ser jibdew ix-xogholijiet sabiex l-Gharb ikollu Servizz ta' fiber optic liema Servizz ser ir-rahal ta' l-Gharb ser ikun l-ewwel rahal Ghawdxin li ser igawdi minn dan is-servizz. Ghal din ir-raguni huma ser ikunu qed jaghmlu xi xogholijiet gewwa l-lokalita' fejn ser isir xoghol possibilment fuq bankini u fejn mhux possibli fil-genb tat-triq. L-ewwel zona fejn ser jinbeda' x-xoghol ser ikun il-parti ta' wara l-knisja. Minhabba dawn ix-xogholijiet dawn ser jehtiegu permessi minn zmien ghal zmien u mhux possibli li l-Kunsill jiltaqa' kull darba li jintalab permess. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu l-permessi mehtiega sabiex isiru dawn ix-xogholijiet.

5.13 Giet trattata talba minghand l-Enemalta ghal permess sabiex issir trinka ghal high tension fejn ic-Cimiterju fi Triq San Pietru. Is-Sindku innota li l-Kunsill kien ghamel

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

diga talba sabiex dan jitnehha mill-post. Fit-talba prezenti, l-Enemalta kienet qed titlob sabiex jghaddu minn wara c-cimiterju u jaghmlu arbli. Is-Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li jekk jinghata l-permess mill-Kunsill dan ghandu johrog fuq il-premessa li jsir *reinstatement* tal-wisa' kollha tat-trejqa li ticcirkonda c-cimiterju. Is-Sindku gibed l-attenzjoni ukoll li f'dan il-post ghadhom kemm saru xi xogholijiet fuq il-hitan min-naha tal-parrocca. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-Enemalta jew il-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol ghandu ikun responsabbli u jittiehdu r-ritratti tal-post kif inhu fil-prezent u fuq il-*feedback* ta' l-applikazzjoni tal-permess jitnizzel li l-post irid jithalla kif inhu fil-prezent u tithalla garanzija ta' €15,000 ghall-hajt tac-cimiterju.

5.14 Is-Sindku spjega li iktar kmieni filghodu kellu laqgha mall-Green MT fejn huwa talab sabiex jigi installat bin tal-hwejjeg bhal ma' saru fil-lokatalijiet l-ohra fejn il-*bring-in-sites*. Din it-talba saret wara li gie innutat s-success li kien hawn ghal gbir ta' hwejjeg waqt l-attivita' tal-European Mobility Week. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

5.15 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat ittra li giet ippreparata bhala petizzjoni biex tigi pprezentata lill-Ispeaker tal-Kamra tal-Parlament kif ukoll lil Prim Ministru, Kap ta' l-Oppozizzjoni, NGO's fil-qasam ta' l-ambjent u ohrajn maghhom. Is-Sindku qal li din l-ittra ser tghaddi ghand l-avukat u l-Perit sabiex jaraw hux qeghda sewwa. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikanti tal-kamra tan-Nar tal-Gharb kienu offizi li ma thallewx jidhlu ghal-laqgha privata li saret fit-13 ta' Lulju, 2016. Saret diskussjoni fejn gie innotat li din il-laqgha giet mitluba mill-grupp ta' persuni li kienu qed jogezzjonaw u ghaldaqstant kienet wahda privata. Is-Sindku issugerixxa sabiex jekk il-Kunsill jaqbel dawn jissejhu ghal-laqgha fejn fejn ikun spjegat lillhom dan il-fatt.

Anthony Camilleri qal li l-applikazzjoni ghall-kamra tan-nar ta' l-Gharb mhux qeghda il-boghod. Gie spjegat li l-interess tal-Kunsill huwa s-safety tar-residenti. Il-Kunsill qabel li jisma' lil kulhadd u ghandu ghalhekk jistieden lil membri ta' l-ghaqda tan-nar ta' l-Gharb fejn jaghtihom ukoll ghazla jekk il-laqgha tkunx wahda privata jew inkellha pubblika li f'dan il-kaz issir waqt il-laqgha tal-Kunsill.

5.16 Gie spjegat li kif diga gie diskuss issa bdiet l-iskeda l-gdida tal-gbir ta' skart li giet introdotta madwar Ghawdex. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li bhala Kunsill mhux suppost li jigbor l-iskart kummercjali u zied jghid ukoll li tezisti problema minhabba l-postijiet ta'

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

akkomodazzjoni.  Gie suggerit sabiex jew issir sticker identikativa u kull dar biex tohrog l-iskart trid twahhal il-stiker jew inkellha l-boroz tal-farmhouses ikunu ikkuluriti. Gie innotat pero' li l-postijiet ta' akkomodazzjoni ma jkunux persuni li huwa residenti u ghalhekk din tista' tkun problema.  Is-Sindku qal li min-naha tal-Green MT dawn offrew li jissuplixxu borza.

Emanuel Muscat staqsa jekk il-gurnata tal-gbir tal-borza s-sewda tistax tinbidel fejn gie spjegat li diga kien sar suggeriment pero' ma kienx gie accettat.

Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar il-hadida li tinsab fi Triq Birbuba fejn il-playing field fejn kulhadd qed jhalli l-boroz ta' l-iskart f'kull hin tal-gurnata u qed tohloq mizbla fiz-zona.  Il-Kunsill qabel li l-haddiema tal-Kunsill ghandhom jintbghatu sabiex jaqilghu din il-hadida.

Is-Sindku issugerixxa sabiex tintbghat ittra lis-sidien tal-farmhouses fejn dawn jigu infurmati li jekk l-iskart ma jkunx fil-boroz provduti jew bin-numru dan ma jingabarx.

Shirley Anne Cecchini staqsiet x'jigri fil-kaz fejn jekk xi hadd johrog il-borza ta' l-iskart u jhalliha wara bieb haddiehor minghajr numru kif wiehed jista' jidentifika ta' min hi.  Is-Sindku qal li jekk jintuzaw in-numru tista' tasal biex tidentifika ta' min tkun il-borza.

Is-Sindku qal li soluzzjoni ohra tista' tkun jekk jinghataw boroz li jkunu diga numerati u jekk ma jintuzawx dawn il-boroz l-iskart ma jingabarx. Jekk jigi identifikat min ikun li ma jimxix mar-regolamenti jehel multa.

Din l-iskema tista' issir bi prova f'Dicembru.

Emanuel Muscat staqsa jekk il-Kunsill huwiex jaghmel gbir ta' skart goff.  Gie ikkonfermat li dan qieghed isir.

Emanuel Muscat qal li l-problema sabiex issir issa huwa li l-business huwa low season u ghalhekk ma jistax ikollu stampa cara.  Is-Sindku innota li jekk issir issa dak li jkun jilhaq jidhra minghajr hafna genn u meta jibda' l-istagun tas-sajf ikun lahqet indrat is-sistema.

Is-Sindku qal li l-problema hija li dawn registrati ma' l-MTA nafu bihom pero' l-ohrajn li jikru ghal tul ta' zmien il-probabilita' hija li ma jkunux registrati.  Huwa issugerixxa li nies min-naha tal-Green MT imorru iduru bieb bieb u jinfurmaw lil dawk il-persuni li qeghdin fil-kera jghixu hawn sabiex dawn ikunu infurmati sewwa dwar kif irid jinhareg l-iskart.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

5.17 Is-Sindku qal li l-Gharb Rangers F.C. kienu qeghdin jaghmlu talba sabiex isir bollard / railing mall-bankina minhabba periklu. Huwa zied jghid li fuq dan ir-railing il-Kunsill ikun jista' jaghmel reklam bhala sponsor. Il-Kunsill qabel li ghandujsir dan ir-railing.

5.18 Anthony Camilleri qal li fit-triq ta' Wied il-Mielah kienu wehlu l-*crash barriers.* Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ipprovda l-U Channels sabiex dawn jehlu minghajr hafna dewmien.

5.19 Emanuel Muscat staqsa dwar is-*service culvert* ta' triq San Katald min hu responsabbli minnu. Is-Sindku qal li huwa kien bghat email f'dan ir-rigward ghar-raguni li dan kien sar peress li kien hemm xi residenti li riedu inehhu l-wires tad-dawl minn mall-faccata u l-Enemalta kienet tobbliga lil min irid hekk li jaghmel *service culvert*. Dan kien sar ghal din ir-raguni.

5.20 Is-Sindku issugerixxa li ghandhom jitwahhlu *noticeboards* madwar il-lokalita' fost l-ohrajn fejn il-*bus stops* sabiex ir-residenti jkunu infurmati ahjar u jinghata spazju lill-ghaqdiuet sabiex jaghmlu l-avvizi taghhom wara li jkunu hadu l-permess mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ghalhekk ser jintalbu l-permessi mehtiega lil tat-Transport Malta.

5.21 Emanuel Muscat semma li fil-playing field in-naha t'isfel qed ikun hemm iz-zrar. Il-Kunsill qabel li tingibed l-attenzjoni tal-haddiema sabiex izommuh dejjem nadif.

5.22 Emanuel Muscat qal li waqghet bicca tal-bajtar fuq il-grata ta' l-ilma fi Triq Birbuba. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintbghatu l-haddiema sabiex inaddfu din il-grata u maghha inaddfu ukoll il-grata ta' l-ilma ta' Triq Sdieri fuq l-arkata.

5.23 Emanuel Muscat semma li quddiem ir-residenza 'Visitation', triq il-Madonna tal-Virtu' hemm xorok li ghandhom bzonn it-tarmak madwarhom ghax kien inqala'. Il-Kunsill qabel li ghandu jimla' bil-patching.

5.24 Emanuel Muscat staqsa jekk tistax titranga triq Birbuba fil-bidu int u tiela' t-tela' fuq in-naha tal-lemin. Is-Sindku qal li huwa ukoll kien innota li hemm bzonn u kien qed jistenna' li jintemmu x-xogholijiet fiz-zona sabiex jitranga l-hajt.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

5.25 Saret diskussjoni dwar fejn ser jehel il-pinnur fejn gew identifikati ta' min huwa l-eghieqi tal-madwar. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntatja lil dawn il-persuni sabiex ikunu jistghu jsiru stalls meta jigi ccelebrat il-festival tar-rih.

5.26 Il-Vici Sindku semmiet li huwa importanti li isir tindif iz-zona ta' Triq l-Gharb fejn hemm il-boungainvilla mar-residenza numru 3. Fl-istess waqt isemmiet ukoll il-buongainvilla ta' Triq Trux. Il-Kunsil qabel li l-haddiema ghandhom jintalbu sabiex inaddfu.

5.27 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li gietipprezentata.

**Aggornament**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta' dwar il-hin u gurnata tal-laqgha fejn gie deciz li l-laqgha tibda' tinzamm l-Erbgha filghodu fid-9am. Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar id-9 ta' Novembru, 2016.

4.2 Il-laqgha spiccat hin 4.32pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius

Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale

Segretarju Ezekuttiv